**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Frar 2022**

**Rikors nru: 88/2019 AGV:**

**KG**

**Vs.**

**CX**

**Il-Qorti rat ir-rikors maħluf ta' KG, li b**ir-rispett tesponi, u bil-ġurament tagħha tikkonferma:

1. Illi minn relazzjoni li kellhom il-kontendenti, twieldet fid-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) il-minuri N, li ġiet magħrufa mill-attur permezz t'att pubbliku riċevut min-Nutar Pubbliku Joseph Debono fil-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008).

2. Illi r-relazzjoni tal-kontendenti intemmet żmien twil ilu, u permezz t'att pubbliku riċevut min-Nutar Pubbliku Joseph Debono fil-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008), huma ftehmu dwar il-kura u l-kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri binthom.

3. Illi l-qagħda u ċ-ċirkostanzi tal-kontendenti, kif ukoll il-bżonnijiet tal-minuri, inbidlu sostanzjalment, tant illi l-attriċi fetħet proċedura ta' medjazzjoni fil-konfront tal-konvenut sabiex jiġi varjat il-kuntratt preċitat, fl-aħjar interess tal-minuri.

4. Illi kemm hu hekk, l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) b'dikriet mogħti fil-wieħed u għoxrin (21) t'Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) laqgħet it-talbiet ta' l-attriċi u ssospendiet l-aċċess tal-konvenut għall-minuri, u ordnat li l-attriċi m'għandhiex l-obbligu li tikkonsulta mal-konvenut qabel ma tieħu deċiżjonijiet dwar is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri, u dan wara li ħadet konjizzjoni tar-rapport ta' l-avukat tat-tfal li ġie preżentat fis-sittax (16) t'Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017).

5. Illi fil-mori tal-proċeduri ta' medjazzjoni, l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) b'dikriet tas-sitta (6) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) iffissat ir-retta alimentari dovuta mill-konvenut għall-minuri fis-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar, b'effett mill-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018).

6. Illi minkejja li saret il-proċedura tal-medjazzjoni, il-kontendenti ma laħqux ftehim, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

7. Illi l-attriċi tiddikjara li taf bil-fatti fuq premessi personalment.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi l-attriċi qiegħda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment jew dikjarazzjoni opportuna, jogħġobha:

(1) tvarja, fl-interess suprem tal-minuri, l-kuntratt konkluż bejn l-attriċi u l-konvenut permezz t'att pubbliku riċevut min-Nutar Pubbliku Joseph Debono fil-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) billi:

(i) tordna li d-dritt t'aċċess tal-konvenut għall-minuri NX jiġi sospiż u tikkonferma b'mod definittiv id-dikriet tagħha mogħti fil-wieħed u għoxrin (21) t'Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) wara r-rikors ġenerali bin-numru mitejn tlieta u tletin tas-sena elfejn u sbatax (233/2017);

(ii) tawtorizza lill-attriċi tieħu d-deċiżjonijiet kollha ordinarji u straordinarji dwar is-saħħa, l-edukazzjoni u s-safar tal-minuri NX, mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens tal-konvenut;

(iii) tordna lill-konvenut jissomministra retta alimentari ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250), jew kull somma oħra verjuri, fix-xahar lill-attriċi għall-minuri, liema retta alimentari għandha tinqatgħa direttament mis-salarju jew paga tal-konvenut u titħallas direttament lill-attriċi, u liema retta alimentari tiżdied kull sena skond l-indiċi ta' l-inflazzjoni;

(2) tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tal-konvenut.**

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' CX datata 2 ta' Mejju 2019 fejn espona bir-rispett u kkonferma li ;**

Illi hemm kontestazzjoni dwar uhud mil-premessi fir-rikors promutur kif ser jigi ampjament ippruvat fil-kors ta' dal-proceduri.

Illi filwaqt li ma jopponix li l-kura u l-kustodja tigi akkordata lill-attrici, l-esponent ghandu kull interess li jkompli jippartecipa fit-trobbija tal-minuri bintu, u fid-decizjonijiet li jirrigwardawha. Ghalhekk l-esponent ma jaqbilx mal-ewwel u it-tieni talbiet attrici anka minhabba lil din mhux maghmula fl-ahjar interess tal-minuri kif ser tkun trattat waqt is-snin tal-kawza.

Illi l-esponent dejjem hallas manteniment dovut hekk kif akkordati minn digrieti li nghataw minn dil-Onorabbli Qorti, u qieghed sa llum il-gurnata, bi sforz sagraficcji kbar ihallas l-ammont ta' mitejn u hamsin Ewro fix-xahar, bhala mantenimenti ghall-minuri bint. Rigward it-tieni talba attrici, l-esponent issometti li l-manteniment ghadu jkun ta' somma inqas minn dik li qieghed ihallas fil-prezent filwaqt li l-ispejjez straordinarji, tas-sahha u tal-edukazzjoni tal-minuri, ghandhom jinqassmu f' ishma ugwali, bejn il-partijiet u mhux tkun somma globali li tinkludi dawn l-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi mressqa mill-partijiet.

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea, datat 23 ta' Gunju 2021.

Rat l-atti tal-medjazzjonijiet bejn il-partijiet, numru 1478/17, kif ukoll l-atti tar-Rikors Generali numru 233/17, it-tnejn annessi ma' dawn l-atti.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti tal-kaz huma, fil-qosor, is-segwenti. Il-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom, li minnha twieldet tifla, N, fid-19 ta' Frar 2006. Illum it-tifla ghandha sittax-il sena. Skond ir-rikors guramentat, l-attrici tghid li r-relazzjoni bejn il-partijiet ma tantx damet, u fil-fatt il-partijiet gia' kienu ffirmaw kuntratt fejn giet regolata l-kura w kustodja tal-minuri, il-manteniment u l-access. It-talbiet attrici huma biex jinbidlu whud mill-klawsoli miftiehma bejniethom, u cioe' li l-access tal-konvenut versu l-minuri jigi sospiz, li hi jkollha s-setgha tiehu d-decizjonijiet kollha rigward is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri minghajr il-kunsens tal-konvenut, u li l-manteniment jizdied. Peress illi l-konvenut naqas milli jressaq provi f'din il-kawza, il-verzjoni ta' fatti moghtija mill-attrici ghandha titqies li giet ippruvata ghall-finijiet u effetti tal-ligi.

L-attrici tghid li kemm hi kif ukoll il-konvenut kienu ta' eta' zghira meta ltaqghu. Fil-fatt ir-relazzjoni damet biss ftit xhur u l-attrici nqabdet tqila meta kellha biss sittax-il sena. Wara li ntemmet ir-relazzjoni, il-konvenut kellu tarbija ohra minn persuna ohra, u sussegwentement kien izzewweg lil mara ohra, u li llum ukoll ghandu wild minnha. L-attrici ghalhekk spiccat trabbi lil N wehidha minghajr l-ghinuna tal-konvenut, u llum it-tifla hija attiva hafna fl-isports anke fuq livell nazzjonali. L-attrici tghid li tixtieq issir 'physiotherapist' u li thobb hafna l-

annimali, u fl-iskola sejra tajjeb hafna. Di fatti l-attrici tidher kburija hafna bit-tifla taghha, u bir-ragun. B'dispjacir, izda, l-attrici wkoll tghid li l-konvenut kien assenti mill-hajja ta' bintu. Wahda mill-ftit drabi li kellu kuntatt ma' N kien ghat-tieg tieghu stess. L-attrici tghid li t-tifla ndunat li missierha ma jaghtix kasha, u jaghti l-attenzjoni tieghu lit-tfal l-ohra tieghu. Aktar ma ghadda z-zmien, anqas kien hemm relazzjoni bejn il-konvenut u bintu, sakemm l-attrici kienet talbel u kisbet is-sospensjoni tal-access. Sfortunatament ukoll, anke r-relazzjoni li t-tifla kellha ma' omm il-konvenut, li ghalhekk tigi n-nanna taghha, spiccat ukoll.

Meta t-tifla kellha madwar seba' snin, l-attrici indunat li l-imgieba taghha beda jinbidel, u ghalhekk kellmet lit-tabib tat-tifla, minhabba fil-kundizzjoni tad-dijabete li kienet tbati minnha, u giet riferuta lil psikoterapista, fejn gie innotat li t-tifla kienet qed tigi affettwata b'mod negattiv minhabba f'missierha. L-attrici tidhol f'hafna dettall fl-affidavit taghha. Il-Qorti mhix sejra tirriproduci dak kollu li ntqal minnha. Bizzejjed jinghad li l-attrici batiet biex rabbiet lil Niandra, izda s-soddisfazzjon li llum ghandha biha hija imprezzabbli.

Giet prodotta wkoll DG, ghalliema ta' N,  li rrakkontat episodju partikolari fejn it-tifla kienet agitata hafna l-iskola u mwerwra minn missierha, ghax bezghet li ser terga' tibda tmur ghall-access mieghu. Dan l-incident gara f'Mejju 2019, meta t-tifla kella tlittax-il sena u kienet fl-ahhar ta' Form 2. Ix-xhud spjegat fid-dettall kif kienet it-tifla, imbezza' u li ma riedet titkellem ma' hadd hliefha. Fil-fatt ix-xhud damet madwar siegha w nofs sakemm ikkalmat lill-minuri, u baqghet tiftakar dan l-episodju.

Il-Qorti hawnhekk tiftah parentesi zghira ghax is-sekwenza tal-fatti huma importanti. Il-konvenut kien izzewweg fl-2015, meta l-minuri kellha disa' snin, u kellha toqghod 'flower girl' ghat-tieg. Diga' r-relazzjoni kienet nieqsa hafna. Diga' t-tifla kienet imwegga' minn sensiela ta' episodji fejn rat li missierha kien qed

jaghti aktar attenzjoni lit-tfal l-ohra tieghu milli lilha. Ghalhekk, erba’ snin wara, meta gara dan l-episodju l-iskola, it-trawma fuq N kienet wahda kbira.

Gie ukoll esebit affidavit ta’ omm l-attrici, MTG, li ukoll ikkorroborat il-verzjoni ta’ fatti kif intqalu minn bintha.

Xehdu wkoll CB u  SG mill-iskola fejn tattendi l-minuri, li wkoll xehdu fuq id-drabi li offrew ghinuna lil N peress illi kellha problemi ma’ missierha li gia’ gew diskussi aktar ‘il fuq f’din is-sentenza.

Kif gia’ inghad, il-Qorti ghandha biss il-verzjoni ta’ fatti min-naha tal-attrici. Jekk il-konvenut kien verament assenti fil-hajja ta’ bintu skond ma ntqal fil-kawza, bl-assenza tieghu fil-kawza qieghed jikkonferma kemm kien nieqes fil-hajja ta’ bintu. Il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tirrepeti l-episodji kollha li xehdet fuqhom l-attrici u li gew konfermati u kkorroborati minn xhieda ohra. Hija tassew hasra li l-konvenut ghazel li jabdika totalment mir-responsabbilta’ tieghu bhala missier u abbanduna ghal kollox lil bintu. Il-Qorti ghalhekk sejra tilqa’ t-talbiet kollha tal-attrici, b’mod specjali li l-access tal-konvenut versu l-minuri jigi sospiz. Sejra wkoll thalli lill-minuri fil-liberta’ taghzel hi jekk tridx tiltaqa’ jew titkellem ma’ missierha, tenut kont li l-prezenza tieghu kienet nieqsa f’hajjitha, u tenut kont ukoll tal-episodji li tant qanqlu ansjeta’ fl-istess minuri. Il-Qorti tawgura li l-missier jaghraf in-nuqqasijiet tieghu u fil-futur jipprova jibni relazzjoni ma’ bintu, izda f’dan l-istadju t-tifla mhix ser tigi sfurzata jew mgeghlha tmur ghall-access ma’ missierha.

Fi ftit kliem, ghalhekk, il-Qorti ghandha biss kliem ta’ tifhir ghall-attrici, li ta’ eta’ zghira hafna gharfet terfa’ r-responsabbilta’ tat-trobbija ta’ tifla u rnexxielha taghti futur mill-isbah ghall-bintha, minkejja l-assenza totali tal-konvenut. Il-Qorti tawgura li l-minuri tikseb dak kollu li tixtieq mill-hajja li ghandha quddiemha, u li

l-attrici jkollha s-soddisfazzjon tara li s-sagrificcji u l-isforzi kollha taghha jaghtu l-frott misthoqq.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet attrici.

(1) tvarja, fl-interess suprem tal-minuri, il-kuntratt konkluż bejn l-attriċi u l-konvenut permezz t'att pubbliku riċevut min-Nutar Pubbliku Joseph Debono fil-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) billi:

(i) tordna li d-dritt t'aċċess tal-konvenut għall-minuri NX jiġi sospiż u ghalhekk tikkonferma b'mod definittiv id-digriet tagħha mogħti fil-wieħed u għoxrin (21) t'Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) wara r-Rikors Generali bin-numru mitejn tlieta u tletin tas-sena elfejn u sbatax (233/2017);

(ii) tawtorizza lill-attriċi tieħu d-deċiżjonijiet kollha ordinarji u straordinarji dwar is-saħħa, l-edukazzjoni u s-safar tal-minuri NX mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens tal-konvenut;

(iii) tordna lill-konvenut jissomministra retta alimentari ta' tlitt mitt Ewro (€300) fix-xahar lill-attriċi għall-minuri, liema retta alimentari għandha tinqata' direttament mis-salarju jew paga tal-konvenut u

titħallas direttament lill-attriċi, u liema retta alimentari tiżdied kull sena skond l-indiċi ta' l-inflazzjoni. Dan il-manteniment jinkludi nofs l-ispejjez ordinarji ta' sahha w edukazzjoni, u jibqa' pagabbli mill-konvenut sakemm il-minuri taghlaq l-eta' ta' tlieta w ghoxrin sena, fl-eventwalita' li tibqa' tistudja fuq bazi full time u ma jkollhiex impieg fiss full time.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Imhallef**

**Onor. Anthony G Vella** **Cettina Gauci- Dep Reg**